MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Numru. 571/2003

**Reverendu Dun George Aquilina OFM**

**Vs**

**Anton F. Attard, bin Emanuel u Angela nee' Gatt imwieled fl-14.02.1943 u residenti 7, Trejqet l-Exchange, Rabat, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 16943(G)**

**Il-Qorti;**

Rat it-tahrika ta' kawza privata li permezz taghha l-Pulizija Ezekuttiva ordnat lil Anton F. Attard sabiex jidher quddiem din il-Qorti billi huwa akkuzat mir-Reverendu Dun George Aquilina OFM talli f'Ghawdex wara Gunju 2003 permezz tal-publikazzjoni bl-isem "L-ARCI MATRICI li Qatt ma

Kienet” bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Rev. Dun George Aquilina, wegghu bil-ktiba tieghu u immalafamah u dana billi attribwielu fatti determinanti bi skop li joffendi l-unur u l-fama tieghu, jew li jesponieh ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku bil-ksur tal-artikolu 252 u l-artikoli ta’ warajh tal-Kodici Kriminali u kif ukoll l-artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet npprezentati mill-partijiet.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza minghajr dubbju kellha iter processwali piuttost twil. Illi l-istorja li hija l-isfond ta’ dan il-process, terga’, bdiet zmien twil qabel u precisament fl-1996 meta nkiteb il-ktieb bl-isem “Il-Knisja Arci-Matrici tal-Belt u tal-Gzira ta’ Ghawdex” minn Reverendu Dun Karmenu Grech fejn fl-istess ktieb saret id-Dahla ghall-istess miktuba minn Patri George Aquilina u cioe’ l-kwerelanti. Dana l-ktieb kien jitratta dwar l-istorja tal-parrocci f’Ghawdex. Jidher madanakollu illi l-interpretazzjoni li tinghata dwar dina l-istorja ma hijiex wahda uniformi billi kulhadd jaraha bil-lenti tieghu. Meta l-Qorti qed tghid il-kelma ‘kulhadd’ hawnhekk qed issir referenza ghaz-zewg fazzjonijiet li jezistu fir-Rabat Ghawdex u cioe’ dawk fidili lejn il-parrocca ta’ San Gorg u l-parruccani tal-Katidral dedikata lil Santa Marija fic-Citadella. Jidher illi kull fazzjoni tqis il-parrocca rispettiva taghha bhala l-Matrici tal-parrocci fid-dijocesi ta’ Ghawdex u ghalhekk qatt ma ntlahaq qbil dwar l-istorja li sawret it-twelid tal-parrocci f’din il-gzira zghira. Jidher illi l-kwerelanti dahal, kif ighid il-qawl Malti, bejn il-basla u qoxritha meta kiteb id-dahla ghall-ktieb li nkiteb minn Reverendu Grech.  Il-Qorti tistqarr illi sabet id-diskussjoni dwar dan il-kapitolu tal-istorja taghna, ferm interessanti ghalkemm ftit li xejn relevanti ghall-mertu ta’ dina l-kawza. Madanakollu fil-kawza in dizamina, il-Qorti, certament m’hijiex msejha sabiex tidhol fl-aspetti storici li sawru dina l-kwistjoni u lanqas ma hi kompetenti biex

taghmel dan, ghalkemm kien ikun iktar interessanti taqra fuq hekk milli toqghod tiggudika l-agir tal-imputat.

Illi wara li nkiteb dana l-ktieb, li huwa esebit in atti mill-kwerelant, jidher illi ghaddew xi snin fejn id-dibattitu dwar il-veracita o meno tal-kontenut ta' dak li nkiteb gie dibattut fil-gazzetti lokali.[1] Fl-ahhar, fl-2003, l-imputat ippubblika ktieb shih fejn attakka l-kitba tar-Reverendu Dun Karm Grech, piuttost b'mod goff. Il-ktieb, li huwa mertu ta' din il-kawza, igib l-isem "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet". F'partijiet minn dana l-ktieb, l-imputat jaghmel kritika wkoll dwar il-kwerelanti bhala l-persuna li skond hu kien qieghed jappoggja dak li kien qieghed jesponi r-Reverendu Grech fil-ktieb tieghu. Il-kwerelant hassu ingurajt bil-mod kif inkiteb dana l-ktieb fejn deherlu illi huwa gie attakkat b'mod personali u ghalhekk intavola dawn il-proceduri.[2] Permezz ta' nota ipprezentata fit-18 ta' Jannar 2005 il-kwerelant jindika b'mod dettaljat il-pagni u l-kliem fil-ktieb miktub mill-imputat li huwa hasshom ingurjuzi fil-konfront tieghu.[3] In segwitu nstemghu xi provi quddiem dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta u l-Qorti waslet ghad-decizjoni taghha permezz ta' sentenza datata 23 ta' Frar 2006[4] fejn hemmhekk l-imputat gie misjub hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 252 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u gie illiberat mill-akkuza li taqa' taht il-Ligi tal-Istampa billi l-Qorti iddecidiet illi l-prosekuzzjoni fil-kawza kienet tmexxiet mill-pulizija u mhux mill-kwerelant u lanqas ma kien hemm prova fl-atti dwar il-kwerela. Illi l-imputat intavola appell minn dina s-sentenza. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-10 ta' Lulju 2006 ikkonkludiet illi mill-atti kien jirrizulta illi l-kawza kienet wahda privata dwar libell kriminali kif previst fil-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet:

"**Issa, din il-Qorti, minghajr ezitazzjoni, taqbel mal-appellant (b'referenza ghall-imputat), li l-ingurja jew malfama permezz ta' stampat, bhalma huwa ktieb li jigi ippubblikat, ma taqax u ma tistax tigi punita taht l-artikolu 252(1) (jew addirittura taht l-artikolu 252(3))**

[1] Ara dokumenti a fols. 91 sa 97 tal-process
[2] Il-ktieb huwa ezebit a fol.6 tal-process
[3] Ara nota a fol.78 sa 80 tal-process.
[4] Ara sentenza a fol.177 et seq

**tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 256 huwa car fil-portata tieghu u dejjem gie interpretat mill-Qrati tal-Gustizzja Kriminali li, meta l-ingurja ssir bil-mezz ta'l-istampa (b'mod li l-ingurja jew il-malafama tkun allura tammonta ghal dak li komunement jissejjah libell), hija applikabbli l-Ligi dwar l-Istampa u huma applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Kap.248.**"
Il-Qorti tal-Appell ghalhekk annullat is-sentenza appellata u regghet irrimandat l-atti quddiem dina l-Qorti sabiex il-kaz jigi trattat u deciz mill-gdid.[5]

Illi fit-13 ta' Settembru 2006 dina l-kawza bdiet terga' tinstema minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta mill-Magistrat Tonio Micallef Trigona, li b'digriet tat-18 ta' Settembru 2008[6] iddifferixxa l-kawza *sine die* billi l-Magistrat sedenti ma baqax assenjat biex jaghmel xoghol fil-Qorti f'Ghawdex. Il-kawza mbaghad regghet giet appuntata ghas-smigh quddiem dina l-Qorti, kif ippresjeduta li bdiet tisma' l-provi mill-gdid fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2009.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm mill-akkuza jirrizulta illi l-imputat jew kwerelat qed jigi akkuzat kemm bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 11 tal-Att dwar L-Istampa, madanakollu fid-dawl tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, dina l-Qorti ser tghaddi biex tezamina biss l-akkuza taht il-Kapitolu 248 billi kif gustament deciz mill-Qorti tal-Appell hawnhekk si tratta ta' kitba stampata u kwindi l-ligi specjali inkorporata fil-Kapitolu 248 tissupera dik generali dwar il-malafama, kif kodifikata fil-Kodici Kriminali.

Illi l-artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta gie sostitwit permezz tal-Att XVI tal-2006 fejn id-disposizzjonijiet tal-istess artikolu u cioe' s-sub-incizi (a) u (b) gew imnehhija. Dawn is-zewg sub-incizi kienu jirreferu ghal kalibrazzjoni dwar il-piena billi kienet issir distinzjoni

[5] Ara sentenza tal-Qorti ta'l-Appell kriminali a fols. 280 et seq.
[6] A fol.302

bejn il-malafama fejn jigu attribwiti lill-persuna ikkoncernata fatti determinanti bi skop li joffendu l-unur u l-fama taghha jew li jesponuh ghar-ridikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku, fejn il-piena allura kienet wahda iktar harxa  u kull kaz iehor mhux imsemmi fis-subinciz (a). Dina id-distinzjoni illum tnehhiet billi l-malafama tkun xi tkun hija issa punibbli biss permezz tal-multa. L-artikolu 11 fil-fatt tal-Kapitolu 248 jipprovdi testwalment:

"**Hlief kif provdut xort'ohra f'dan l-Att, kull min, b'mezz imsemmi fl-artikolu 3, jaghti malafama lil xi persuna, jista' meta jinsab hati, jehel multa**."

Billi ghalhekk il-piena ikkontemplata permezz tal-emenda msemmija naqset il-piena applikabbli ghar-reat in dizamina, il-Qorti f'kaz ta' sejbien ta' htija ser tapplika l-piena kif ikkontemplata fil-ligi llum billi dina hija wahda inqas gravuza.[7]

Stabbilit dana l-fatt, u ghalhekk liema ligi hija applikabbli ghall-kaz in dizamina, il-Qorti sejra issa tezamina jekk il-kitba tal-imputat jew kwerelat permezz tal-publikazzjoni "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet" hijiex kitba ingurjuza fil-konfront tal-kwerelant Reverend Dun George Aquilina.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx dubbju illi fil-kitba tieghu l-ghan tal-imputat kien illi jaghmel kritika tal-ktieb miktub mir-Reverendu Karmenu Grech fl-1996. Dana ghaliex huwa ma jaqbilx ma' dak illi jintqal mill-kwerelant illi hemm prova dokumentali illi l-parrocca ta' San Gorg hija l-Matrici tal-parrocci f'Ghawdex u dana wara s-soppressjoni tal-Katidral ta' Santa Marija bhala parrocca lura fi-seklu sbatax. Ighid illi l-provi dokumentali juru mod iehor billi s-sopressjoni saret sabiex il-Katidral jigi elevat ghall-istat ta' kolleggjata tant illi baqghet tezercita l-funzjonijiet taghha parrokkjali. Kwindi jargumenta illi hija minhabba f'din ir-raguni li ma tibqax fuq il-lista tal-parrocci u dana

[7] Ara artikolu 27 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi: **"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."**

minhabba l-istatus elevat taghha. Dana fi kliem semplici huwa dak li fehmet dina l-Qorti li huwa il-perm tal-kwistjoni. Izda huwiex minnu dana o meno m'huwiex ghal dina l-Qorti li tiggudika. Il-Qorti hija imsejha biex tiggudika jekk il-mod kif saret il-kritika tal-imputat lejn il-kwerelant f'dana l-ktieb, hijiex wahda ingurjuza fil-konfront tieghu. Minn qari tal-ktieb "L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet" johrog car iz-zelu tal-imputat lejn dana s-suggett li jidher illi huwa ghal qalbu ferm. Dana jpoggi ghamad quddiem ghajnejh tant illi sfortunatament il-kritika illi jaghmel jindirrizaha mhux b'mod kostruttiv lejn il-ktieb u l-fatti hemmhekk esposti, izda lejn il-kwerelant personalment, li f'ghajnejh ghogbu jappoggja t-tezi esposta mir-Reverendu Grech, talli ghogbu jinvolvi ruhu f'dina l-kwistjoni. Fil-fatt l-imputat stess ighid fil-ktieb tieghu: "Kien jaf fiex se jsib ruhu Patri Aquilina?" U bir-ragun! Ghax spicca attakkat intortament u mghajjar qarrieq, ighawweg il-fatti, jiffalsifika d-dokumenti, storiku limitat[8]. L-imputat juza kliem goff u mhux xieraq, iktar u iktar meta wiehed iqis ir-reputazzjoni li jgawdi Patri George Aquilina, kif jixhdu d-diversi dokumenti esebiti in atti[9]. Dawn jixhdu illi l-kwerelant huwa bniedem ta' livell intelletwali gholi, storiku, ricerkatur, edukatur fost affarijiet ohra, bniedem imfittex biex jinterpreta dokumenti antiki u bil-latin u biex jaghmel ir-ricerka fuq kwalunkwe aspett tal-istorja, kittieb u studjuz. Illi ghalhekk il-kliem li jinghad mill-imputat li b'ton sarkastiku jirreferi ghal Patri Aquilina bhala "dan il-famuz patri" jidher ferm ingurjuz u maghmul bl-ghan uniku illi jipprova jzeblagh u jwaqqa' ghac-cajt lil dana l-istudjuz sabiex jipprova jattakka t-tejorija li wasal ghaliha r-Reverendu Grech fil-ktieb tieghu. L-imputat kien jaf illi l-apprezzament ta' studjuz bhal Patri Aquilina ghal ktieb tar-Reverendu Grech seta jgorr certu piz li x'aktarx nissel biza fih illi dak illi qal ir-Reverendu seta' jigi iktar accettat minhabba l-fatt illi kellu l-appogg ta' studjuz bhal Patri Aquilina u ghalhekk indirizza l-attakk tieghu lejh ukoll. A fol.23 ighid:

[8] Ara nota a fol.78,79 u 80
[9] Ara fols, 40 sa 72

“Patri Aquilina nizzel sal-istonku tieghu kulma bellghulu l-psewdo-storici Ghawdxin”.

Dana implika illi l-kwerelant huwa bniedem imbecilli jew kif nghidu bl-Ingliz “*gullible*” li jibla’ kull ma jghidulu. Certament ma hux il-kaz meta si tratta ta’ bniedem ta’ livell intelletwali.

Minn qari ta’ dana l-ktieb il-Qorti hasset illi kien l-imputat li gema’ fl-istonku tieghu sentimenti ta’ rabbja kbira lejn ir-Reverendu Grech u lejn kull min seta’ b’xi mod jappoggah u mbaghad irrigetthom fuq il-qarrejja tieghu bil-publikazzjoni tal-ktieb L-Arci-Matrici li Qatt ma Kienet!

Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensur tal-imputat id-difiza tal-*fair comment* hawnhekk ma tistax treggi. L-imputat ma hareg l-ebda konkluzjoni mill-fatti. Kieku kien hekk kien jikkritika l-ktieb u mhux lill-awtur tieghu u lill-kwerelant personalment. L-imputat ma ta l-ebda opportunita lill-qarrej sabiex jizen min qed ighid il-verita bil-kitba tieghu ghax il-kitba tieghu mhux xejn hlief tghajjira kontinwa lejn il-kwerelant u lejn il-kittieb b’mod pulit. L-imputat ighid fl-affidavit tieghu:
“**Nemmen li l-istorja m’hix xi haga privata li kulhadd ghandu id-dritt jivvinta minn zniedu. Ghall-kuntrarju l-istorja tinteressa lill-pubbliku kollu, u jekk ikun hemm xi hadd li jipprova jnissel verzjonijiet ta’l-istorja li ma jaqblux mal-fatti u mal-korettezza, huwa d-dritt, anzi d-dmir ta’ min ikun jaf ahjar li jaghmel hiltu kollha sabiex jikkumbatti dawk it-tejoriji u dik il-verzjoni tal-fatti li ma jkunux korretti.**”[10]
Il-Qorti taqbel mija fil-mija ma’ dak li jistqarr l-imputat u hija tal-fehma illi ma setax jesprimi ruhu ahjar dwar id-dmir li ghandu fil-konfront tas-socjeta bhala bniedem li huwa espert f’dan il-qasam tal-istorja. Izda mill-banda l-ohra taqbel ma’ dak illi jghid il-kwerelant fid-dahla tieghu ghall-ktieb ta’ Reverendu Grech illi:
“**Nghidu ukoll li l-istudjuz serju u l-aktar dak tal-Istorja, ma ghandu qatt jippretendi li jkun qal l-ahhar kelma jew li haddiehor ma jistax jaghti tifsiriet ohra**.”

[10] Ara affidavit ta’l-imputat a fol.255

Il-Qorti ghalhekk ma tistax taqbel mal-istil tal-kitba tal-imputat f'din il-publikazzjoni. Il-korettezza tal-fatti ma tigix spjegata billi tghajjar lil persuna qarrieqi, giddieb, injorant u frazijiet ohra simili jew frazijiet li jinftiehmu b'dan il-mod mill-qarrej. Din mhix kritika kostruttiva, izda wahda distruttiva tal-karattru tal-persuna li mieghu l-imputat ma qabilx fl-ideat. Il-qarrej mhu ser jiehu l-ebda beneficcju b'dawn il-kliem, mhux ser jasal biex jistabbilixxi x'inhi l-verita meta jaqra diskors simili, izda jifhem biss illi hemm animosita kbira bejn il-kittieb u l-peruna li qieghed jattakka jew kull min jista' b'xi mod ma jaqbilx mal-ideat tieghu.

Kif tajjeb stqarret il-Qorti tal-Appelli Kriminali f'sentenza iccitata mill-imputat stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu:
"**meta dak il-kumment jissorpassa l-limiti ta' kritika gusta, allura l-kliem isiru libelluzi**."[11]

Huwa precisament dan li sehh fil-kaz in dizamina. Ma jistax jinghad illi dak li jghid l-imputat fil-konfront tal-kwerelant fil-ktieb tieghu jammonta ghal *fair comment* jew li dak li qal kien assolutament necessarju li jghidu biex ikun jista' jispjega jew jiddefendi t-tezi tieghu.

Ghalhekk minghajr l-icken dubbju l-imputat huwa hati ta' malafama fil-konfront tar-Reverendu Dun George Aquilina a tenur tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, kif diga inghad iktar 'il fuq, il-piena li ghandha tigi applikata f'dana l-kaz hija dik tal-multa kif stabbilit bl-emendi tal-Att XVI tal-2006. Illi iktar mill-piena, il-Qorti tawgura illi fil-futur l-imputat juza l-gherf tieghu ghal skopijiet ahjar u mhux biex joqghod ighajjar lin-nies permezz tal-kitba tieghu. Illum donnha saret moda illi tintuza l-kitba kemm permezz ta' publikazzjonijiet kif ukoll u b'mod specjali permezz tal-internet sabiex wiehed ighajjar lil persuni li maghhom ma hemmx qbil fl-ideat. L-arti tal-kitba hija don li ghandu

---

[11] Il-Pulizija vs John Scerri deciza 16/12/1946 Appell Kriminali

jintuza minn min jircevieh ghal skopijiet kostruttivi biss u mhux distruttivi bhal kif sehh sfortunatament f’dan il-kaz.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ifformulata abbazi tal-artikolu 252 tal-Kodici Kriminali, issib lill-imputat hati u tikkundannah multa ta’ €500.

Finalment wara li rat l-artikolu 20 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lill-imputat sabiex fi zmien xahar mil-lum jiehu hsieb jippubblika sommarja qasir izda komprensiv ta’ din is-sentenza f’gazzetta lokali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------